**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 8 ta' Jannar 2020**

**Rikors nru: 543/2019 AGV;**
**AB (KI Bulgara: 626705127) u CD (KI 26142A)**
**Vs**
**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet tad-29 ta' Novembru 2019, fejn ppermettew u pprezentaw is-segwenti;

1. Illi l-partijiet izzewggu nhar il- 11 ta' Gunju 2010, fir-Registru Pubbliku il-Belt Valletta;
2. Illi l- partijiet ma ghandhomx tfal bejniethom;
3. Lli l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza tal-kuntratt ta' separazzjoni datata 26 ta' Settembru 2019, fl-ati tan-Nutar Dr Naomi

Mugliette, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok B, filwaqt li ilhom de facto separati mill- 1 ta' Frar tas-sena 2015;

4. Illi m' hemm l-ebda prospett ragenevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre' l-fatt li ilhom aktar minn erba' snin ighixu saparatament, ghandhom hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;
5. Illi ma hemm ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra, u dan anke ghaliex il-partijiet irrinunzjaw reciprokament id-dritt, li jitolbu u jottjenu hlas ta' manteniment minghand xulxin, u dan kif jirrizulta minn klawsola numru tlieta tal-kuntratt tas-seperazzjoni;
6. Illi dal-fatti jinkwdraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjnijiet u kriterji kontemplati fl-artikolu 66 B tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu id-divorzju;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tippronunzja id-divorzju ossija l-hall taz-zwieg tal-partijiet;

2. Tordna lir -Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn dil-Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall baz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-artiklu 66A(4) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**